MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 242/2010

**Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Mary Agius**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Lulju 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma t'erbat elef, sitt mija w hamsa w tletin Ewro u wiehed u disghin centesmu (€4,635.91) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess socjeta' attrici fix-xhur tas-sena 2007 u is-sena 2009 u dana in segwitu ta', u skond *Client Contract*, liema kuntratt huwa iffirmat minn Mary Agius.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 2 ta' Dicembru 2009 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att u l-konvenuta hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-
*"Illi l-ammont mitlub mhuwiex dak dovut u l-ammont verament dovut huwa ferm inqas minn dak reklamat u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza."*

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici.

Semghet lix-xhud **Simone Ellul** tixhed fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2011 u tghid li minn meta gie prezentat ir-rikors odjern il-konvenuta m'ghamlet l-ebda pagament, salv ghall-pagament wiehed ta' mitt Ewro (€100) u ghalhekk il-bilanc dovut illum huwa ta' erbat elef hames mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disghin centesmu (€ 4,535.91). Hija esebiet l-i*statement* koncernat li gie markat bhala Dok. CSH. Ix-xhud esebiet ukoll l-*itemized billing* tal-kont in kwistjoni li gie markat bhala Dok CSH 1, CSH 2 u CSH 3 rispettivament.

Semghet lil konvenuta **Mary Agius** tixhed fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2011 u tikkonferma li t-telefon huwa registrat fuq isimha mas-socjeta' attrici u li t-telefonati in kwistjoni saru minn uliedha. Spjegat li wliedha jahdmu w ghalhekk messhom ihallsu l-kont huma. Mistoqsija jekk taqbilx mal-ammont imsemmi fir-rikors promotur, ix-xhud wiegbet li ma tafx liema telefonati ghamlu is-subien taghha, dawk li ghamlet bintha, w dawk li ghamlet hi. Lanqas ma kkontestat il-*quantum*.

Ghalhekk fid-dawl tax-xhieda prodotta, ssib li t-talba rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ridotta t'erbat elef hames mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disghin centesmu (€4,535.91) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------